Isla
Città Invicta

# Kunsill Lokali Isla

Ufficcju Amministrattiv, 2/4, Triq San Guzepp, Isla ISL 1229
Tel: 00356 21662424 / 27013004  Fax: 00356 21662566
e-mail: isla.lc@gov.mt website: www.islalocalcouncil.com

# Rapport Annwali

# Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2016

## Werrej


**1. Introduzzjoni ..... 3**
**2. Il-Kunsill ..... 3**
2.1 Il-Kunsill ..... 3
2.2. Organizzazzjoni ..... 4
2.3 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill ..... 5
**3. Il-Finanzi u l-Hidma tal-Kunsill Lokali ..... 6**
3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali ..... 6
3.2. Xoghol u manutenzjonijiet ..... 7
3.3. Il-Qasam Socjali u Edukattiv ..... 9

# 1. Introduzzjoni

Sinjuri residenti,

Inġbarna illum 17 ta’ Jannar 2017 fis-sala tal-kunsill sabiex flimkien inħarsu lura fuq sena ta’ xogħol. Bil-limitazzjonijiet li għandu l-kunsill, il-kunsill irnexxilu jzomm il-bilanċ tajjeb billi jġib il-bzonnijiet tar-residenti l-ewwel għalhekk ser nirrevedu in-numru ta’ xogħolijiet li saru matul is-sena 2016.

Irid ikun hemm għaqal kbir sabiex il-kunsill ikun jista’ jwettaq xi proġetti għaliex il-fondi allokati mill-fond pubbliku jservu biss għall-ispejjez ta’ kuljum għalhekk il-kunsill iqiegħed l-ewwel il-prijoritajiet tal-lokal.

# 2. Il-Kunsill

## *2.1. Il-Kunsill*

L-Isla hija belt b’popolazzjoni ta’ madwar 3000 persuna. Għalhekk skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali tal-Isla huwa kompost minn ħames kunsilliera, b’Sindku is-Sur Giuseppe Casha u Viċi-Sindku s-Sur Clive Pulis u tliet kunsilliera - is-Sur Malcolm Gatt, Is-Sur Chris Cocker u s-Sur Anthony Bonavia - eletti direttament mill-poplu.

Fis-sena 2016 il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali kienet immexxija minn l-aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Duncan Halll, megħjun minn Assistent Uffiċjal Prinċipali is-Sinjura Graziella Cassar Gellel, u skrivana is-Sinjura Rita Baldacchino. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb illi tikko-ordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta’ ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi iffaċilitat bil-ħidma ta’ diversi individwi permezz ta’ għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li imbagħad jiġu diskussi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali.

## 2.2. Organizzazzjoni

L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma fuq din l-istruttra:



## *2.3. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill*

**Tibdil fl-amministrazzjoni tal-Kunsill hija kif ġej:**

Is-Sur Duncan Hall Aġent Segretarju Ezekuttiv – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani.fejn ta l-ħidma tiegħu mal-kunsill tal-Isla minn Jannar 2016 sa Diċembru 2016.
Is-Sinjura Graziella Cassar Gellel - Assistent Uffiċjal Prinċipali - Responsabbli mill-amministrazzjoni, relazzjonijiet mal-klijenti, swieq fil-beraħ, sejħiet għall-offerti u oħrajn fejn tat il-ħidma tagħha bħala Assistent Uffiċjali Prinċipali sa Novembru 2016.

Is-Sinjura Graziella Cassar Gellel – minn Diċembru 2016 hija s- Segretarju Ezekuttiv - Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani.

Is-Sinjura Rita Baldacchino Skrivana – Responsabbli għar-relazzjonijiet mal-klijenti u residenti , xogħol ta' rutina fl-uffiċċju, posta u oħrajn.

**Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:**

- Carmel Ghigo
- Raymond Brincat
- Anthony Attard
- Redent Bonello
- Sven Formosa
  li ħadmu sa l-aħħar ta' Settembru 2016
- Philip Debono - li inaqqħad mal-Mulej fix-xahar ta' Novembru 2016
- Stephen Bonello
- Bradley Bonello
- Nathan Bonello
- John Zammit
- Joseph Martin
- Courtny Abela Wilson
- Rita Scicluna
- Ettienne Bugeja

# 3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali

## *3.1. Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali*

**Id-Dħul**

| | |
|---|---|
| Mill-Gvern Ċentrali | €397,742 |
| Minn Bye-Laws | € 21,386 |
| Minn Dħul Ġenerali | €10,477 |
| Total ta' | €429,605 |

**Infieq**

| | |
|---|---|
| Onorarja tas-Sindku, Allowances, Pagi u taxxi tas-sigurta soċjali | €67,687 |
| Spejjez ta' manuntenzjonijiet u servizzi | €328,731 |
| Spejjez Kapitali | €11,455 |
| **Total ta'** | €407,873 |

**Bilanċ ta'** €21,732

## 3.2. Xogħol u manuntenzjonijiet

**Xogħol permezz ta' ħaddiema assenjati**

Matul l-2016, permezz tal-ħaddiema li l-Kunsill Lokali għandu assenjati miegħu, il-Kunsill Lokali irnexxielu jwettaq kwantita' konsiderevoli ta' xogħol. Fost l-oħrajn tindif ta' diversi zoni, manutenzjoni fuq diversi bankijiet u għamara tat-toroq u xogħol ta' titjib fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill Lokali. Permezz tal-ħaddiema assenjati ukoll sar xogħol ta' manutenzjoni madwar L-Isla ( tibjid u zebgħa).

**Indafa**

Il-Kunsill zied in-nefqa għall-kuntratt tal-kenniesa sabiex l-Isla tkun aktar nadifa. In-nefqa tal-kuntratturi tal-knies jammonta għall-madwar €28,500. Hawn il-kunsill jappella sabiex ir-residenti jikkoperaw: fil-ħruġ tal-boroz is-suwed ( skart domestiku), fil-ħruġ tal-boroz il-grizi ( skart reċiklabli ), fil-ħruġ tal-ħġieġ quddiem il-bieb tad-dar li jsir kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar u jzomm mal-appuntament li jagħtuh mill-uffiċċju amministrattiv tal-kunsill dwar il-ġbir ta' skart goff. Huwa inġust li x-xogħol li jagħmel il-kunsill jiġi imfixkel minn ċertu residenti li f'moħħhom għandhom biss l-indafa mill-għatba 'l ġewwa.

**Tabelli u Sinjali tat-Toroq**

Matul l-2016 il-Kunsill Lokali beda jagħmel numru ta' marki tal-karreġġjati fit-toroq tal-lokalita'. Ma' dawn ġew ordnati u mibdula numru ta' tabelli bil-għan illi l-pedonali u sewwieqa jkollhom sigurta' aħjar.

**Street Lighting**

Matul l-istess perjodu, jigifieri matul l-2016, il-Kunsill Lokali daħal għal spiza li tammonta għal madwar €8000 sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fuq id-dwal tat-toroq. Din l-ispiza tinkludi wkoll lampi li saru mill-gdid fuq talbiet tar-residenti, wara li saret il-ġustifikazzjoni meħtieġa min-naħa tal-korporazzjoni ENEMALTA.

Din is-sena l-kunsill lokali ħadem ma' kuntratturi ġodda għal disinni ġodda ta' dawl dekorattiv tal-Milied sabiex il-Belt tal-Isla wkoll tkun imzejna f'dan iz-zmien hekk sabiħ. In-nefqa ta' dan it-tizjin kienet ta' madwar €2500. Il-Kunsill Lokali ħaseb

ukoll sabiex tkun għaddejja muzika natalizja fi Triq il-Vitorja sabiex wieħed jidħol aktar fl-atmosfera tal-Milied.

**Proġetti Kapitali**

- Letrina Ġdida biswit Ġnien il-Gardjola

Il-Kunsill lokali flimkien mal-Gvern ħadem sabiex ikollna swar kif jixraqfil-Belt tal-Isla, kompla bit-tisbiħ ta' ġnien il-Gardjola u l-letrina biswit il-ġnien fejn in-nefqa tal-kunsill għall-ispejjez sanitarji, madum u aperturi telgħu għal madwar €7000 għalhekk bħala residenti għandna napprezzaw l-isforzi li jsiru mill-kunsill sabiex intejbu l-ambjent li ngħixu fih.

- Tisbiħ ta' Pjazza 4 ta' Settembru

Matul l-2016, il-Kunsill Lokali issottometta applikazzjoni għal skema ta' proġetti kapitali mnedija mid-Dipartiment għall-Gvern Ċentrali bil-għan illi jsir xogħol ta' tisbiħ f'Misraħ l-4 ta' Settembru. L-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali giet milqugħa u l-Kunsill Lokali qiegħed jistenna l-ezitu ta' appelli li saru min- numru ta' Kunsilli Lokali rigward l-iskema sabiex ikunjista' eventwalment jippjana x-xogħolijiet.

- Forti San Mikiel

Il-Kunsill lokali ilu għal ħafna snin jipprova jirrestawra u jsebbaħ il-Forti San Mikiel sabiex jippreserva l-istorja ta' dan il-forti. Il-magna ta' dan l-arloġġ ta' dan il-Forti għadha fl-istat oriġinali tagħha għalhekk l-kunsill qed joħroġ madwar €1200 fis-sena sabiex jibqa' jzomm il-manutenzjoni ta' dan l-istess arloġġ u jibqa' jfakkarna l-ħin ta' kull sekonda li tgħaddi minn ħajjitna.

Izda dan jirrikjedi fondi kbar sabiex dan il-proġett iseħħ. Il-Kunsill reġa' għal darb' oħra ipprova jikseb fondi mill-Unjoni Ewropea. Fix-xahar ta' Novembru tlabna l-għajnuna tal-Meusac sabiex napplikaw għal dawn il-fondi, f' Diċembru li għadda l-kunsill qabbad il-perit tal-kunsill sabiex joħroġ stima biex nirrestawraw dan il-forti, l-istima telgħet għal €170,000 li jekk l-applikazzjoni tiġi aċċettata mill-Unjoni Ewropea, l-kunsill jingħatalu 80% tal –proġett u l-kunsill irrid ikollu l-għajnuna mill-Co-Financing sabiex jgħin il-kunsill joħroġ l-20% tat-total li dan jammonta għal €34,000 jekk il-kunsill ma jkollux garanzija ta' dawn il-fondi, tifhmu li dan il-proġett ma jitwettaqx.

## *3.3. Il-Qasam ta' Saħħa, Soċjali u Edukattiv*

**Saħħa**

Issa daħlet fir-rutina tal-kalendarju li għax-xahar t'Ottubru tingħata l-injezzjoni tal-influwenza, bħas-snin ta' qabel il-kunsill ħaseb li jingħata dan il-vaċċin għalhekk il-kunsill ikompli jħeġġeġ dawk li huma intitolati li jieħdu din l-injezzjoni biex jinkitbu meta jinħareġ l-avviz sabiex ħadd ma jkun dizappuntat.

**Soċjali – Ħarġiet**

Matul l-2016, bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet tal-lokal, il-Kunsill Lokali organizza ħarġiet kulturali. Għall-imsemmija ħargiet kien hemm konkorrenza inkoraġġanti mill-pubbliku u l-Kunsill Lokali għandu l-intenzjoni illi kemm-il darba ikun possibbli l-inizjattiva titkompla matul l-2017.

**Soċjali – Attivitajiet**

Fix-Xahar t' Ottubru l-Belt tal-Isla flimkien maz-zewġt ibliet l-oħra Bormlu u l -Birgu ingħaqdu mal-Belt Kapitali, il-Belt Valletta sabiex jagħmlu parti mill-attivita' ta' Notte Biance ( Lejla Imdawla ) fejn ġewwa x-xatt tal-Isla kellna Rock Band, li minkejja l-attivita' kellha xejra xi ftit differenti minn dik tas-snin preċedenti, l-attendenza tan-nies kienet waħda notevoli u b'hekk il-Belt tal-Isla kellha okkazzjoni oħra fejn tilqa' aktar turisti u Maltin anke permezz tad-dgħajsa Maltija.
Fi zmien il-Milied il-kunsill għal darb'oħra reġa' organizza attivitajiet għat-tfal, anzjani u l-familji kollha li dawn intlaqgħu tajjeb mar-residenti.

**Edukattiv**

Matul l-2016, il-Kunsill Lokali, kien parteċipi f'numru ta' inizjattivi bi skop edukattiv. Fir-rigward, meta ġie mitlub il-Kunsill Lokali offra l-għajnuna u l-esperjenza tiegħu lill-iskola primarja. Din is-sena flimkien mal-Iskola Primarja u mal-Parroċċa l-kunsill għamel programm għal Jum Dinji tat-Tfal.

**Librerija**

Il-Librara tħeġġeg aktar lir-residenti sabiex ikomplu jaqraw. Il-Librerija pubblika nediet ukoll programm li tista' tnizzel permezz ta' applikazzjoni fuq il-mowbajl sabiex wieħed jista jissellef ktieb u jaqrah onlajn, din is-sistema taħdem ezatt bħal ma' wieħed jissellef ktieb mil-librerija, wieħed għandu tliet ġimgħat sabiex jaqra l-

ktieb li jkun nizzel fuq l-applikazzjoni tiegħu u jista jerġa’ jġeddu sa massimu tliet darbiet, jekk wieħed ma jkunx qara dan il-ktieb fil-perjodu misluf il-ktieb jaqa’ awtomatikament mill-applikazzjoni li jkollu fuq il-mowbajl. Il-Kunsill ħareġ €800 għal darb’oħra għal xiri ta’ kotba biex il-librerija tal-Isla tibqa’ aġġornata.

**Relazzjonijiet Internazzjonali**

- L.U.N.F.

Matul l-2015 ġie varat il-proġett Let Us Not Forget. Il-proġett li x-xogħol fuqu kien ilu illi nbeda xhur sħaħ, ġie varat f’Ottubru 2015 u tlesta f’Ottubru 2016. Permezz tal-programm Europe for Citizens, il-Kunsill Lokali tal-Isla li għall-proġett L.U.N.F għandu r-rwol ta’ Lead Partner, jammisitra fondi li jammontaw għal madwar
€97 500. Il-fondi għandhom jiġu maqsuma bejn l-imsieħba tal-proġett li huma l-Kunsill Lokali ta’ Bormla, Birgu u Mtarfa.

- YETI

Matul l-2015, il-Kunsill Lokali flimkien mal-imsieħba kien involut fil-proġett YETI. Il-proġett li għalih il-Kunsill Lokali qiegħed irreġistrat bħala msieħeb, għandu jintemm f’Ġunju 2017 u għandu l-għan ewlieni li jipprovdi materjali li permess tagħhom jistgħu jingħataw gwida zgħazagħ u adulti dwar mizuri li għandhom jittieħdu sabiex tizdied l-effiċjenza fir-residenzi rispettivi tagħhom.

- AVEC

Fit-30 ta' Settembru sa l-4 t'Ottubru , l-Aġent Segretarju s-Sur Duncan Hall u l-Viċi Sindku is-Sur Clive Pulis attendew għall-konferenza f' Szombathely (Ungerija).
Il-konferenza kellha l-għan ewlieni illi tlaqqa’ lill-imsieħba kollha fin-network AVEC bil-għan ili tagħti rendikont tal-ħidma ta’ AVEC u jitfasslu strateġiji futuri. Waqt il-konferenza fil-fatt, is-Sur Christian Moursiard, president ta’ AVEC, flimkien mas-Sa. Amandine Leopold, Segretarja Ġenerali ta’ AVEC taw rendikont finanzjarju dettaljat u spjegaw id-dħul u l-infiq ta’ AVEC matul l-2015. Fl-istess waqt, filwaqt li ġie stabbilit illi s-sitwazzjoni finanzjarja ta’ AVEC kienet waħda ta’ stabbilita’, kien hemm qbil fost l-imsieħba prezenti illi kellhom jinstabu mezzi oħra ta’ finanzjament.

Inzammet sessjoni li matulha ġew diskussi progetti li kemm l-imsieħba ta’ AVEC, kif ukoll l-assoċjazzjoni nnifisha setgħu jidhlu għalihom. Ewlenin fost il-proġetti kien hemm dawk li tiffinanzja l-Unjoni Ewropeja. Ġew diskussi wkoll temi prinċipali li fuqhom kellhom jaħdmu l-imsieħba sabiex jiġu sottomessi applikazzjonijiet għal finanzjament ta’ proġetti bi qbil illi t-temi prinċipali jkunu problemi ta’ għargħar li jiffaċċjaw numru ta’ bliet ewropej u proġetti rigward materja prima u wirt kulturali.

Waqt sessjoni oħra ġew diskussi eventwali attivitajiet li AVEC kellha torganizza, ewlenin fosthom laqgħa tad-diretturi u laqgħa ġenerali annwali. Bi qbil unanimu tal-imsieħba prezenti u wara diskussjonijiet bejn il-Kunsilli Lokali tal-Isla (Malta) u Birgu (Malta) ġie deċiz illi matul l-ewwel nofs tal-2017 kellha tigi organizzata laqgħa f'Malta. Il-kordinament tal-laqgħa kellu jigu diskuss aktar il-quddiem. Manadakollu, z-zewġ lokalitajiet imsemmija kellhom jieħdu ħsieb il-logistika tal-imsemmija laqgħa.

Il-konferenza ntemmet bil-belt ta' Szombathely (Ungerija) toffri lill-imsieħba zjarat f'siti kulturali u storiċi tal-belt bil-għan illi dawk prezenti jiksbu għarfien dwar il-kultura u l-istorja tal-pajjiz

---

**Konkluzjoni**

Is-Sena 2016 kienet waħda impenjattiva u li tat sodisfazzjon tax-xogħol li twettaq. Minkejja l-problemi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrativi, l-kunsill iħoss li mexxa bl-aħjar mod possibli biex wettaq il-ħidma mill-aktar mod effettiv u effiċjenti. Issa jmis li nħarsu l-quddiem għas-snin li ġejjin ħalli nkomplu ntejbu fuq dak li bnejna.

Infakkarkom li kull min għandu aċċess għall-internet jista jara il-laqgħa tal-kunsill onlajn minn fuq il-website tal-kunsill.

Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |
| Giuseppe Casha | Graziella Cassar Gellel |